C/2024/5570

20.9.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/5570)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Curtefranca"

PDO-IT-A1042-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 26.6.2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Regoli għall-vitikultura – għoli tal-vinji**

Tneħħiet ir-restrizzjoni tal-għoli tal-vinji. Il-possibilità li jiġu kkultivati dwieli f'żoni aktar friski hija parti mis-sensiela globali ta' strateġiji biex tiġi indirizzata ż-żieda ġenerali fit-temperaturi. Barra minn hekk, din tirrappreżenta konformità importanti mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Franciacorta minħabba li ż-żewġ denominazzjonijiet jiġu prodotti fl-istess żona.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4.1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma taffettwax id-Dokument Uniku.

2. **Regoli għall-vitikultura – rendiment ta' għeneb għal kull ettaru**

Il-massimu li jista' jintalab għall-Curtefranca abjad tbaxxa minn 11-il tunnellata għal 10 tunnellati/ettaru, biex b'hekk ikun konformi ma' dak ta' Franciacorta. Dan għandu diversi vantaġġi. L-ewwel vantaġġ huwa relatat mal-kwalità minħabba t-tnaqqis tal-produzzjoni u t-tieni vantaġġ huwa relatat mal-ġestjoni. B'dan il-mod, is-sistema tiġi aktar issimplifikata, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-użu tal-eċċessi.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4.4 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-punt 5.2 Rendimenti massimi tad-Dokument Uniku.

3. **Regoli għall-vitikultura – kwantità ta' għeneb dikjarata**

Il-kwantità ta' għeneb li tista' tiġi ddikjarata għall-ewwel sentejn magħduda mill-ewwel sena ta' produzzjoni tal-inbid wara t-tħawwil tal-vinja tnaqqset,

biex tiġi allinjata ma' dik ta' Franciacorta. L-ewwel sena: żero (ebda tibdil); it-tieni sena: żero (imnaqqsa minn 4,4 tunnellati/ettaru); it-tielet sena: 6 tunnellati/ettaru (introduzzjoni ġdida).

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4.5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma taffettwax id-Dokument Uniku.

4. **Deskrizzjoni u preżentazzjoni**

Jitqies li għandu jiġi speċifikat li l-indikazzjonijiet tal-kulur, għalkemm huma fakultattivi, meta jkunu jinsabu fl-istess kamp viżiv tal-indikazzjonijiet obbligatorji l-oħrajn, ma għandhomx ikunu fuq l-isem tad-denominazzjoni, iżda din ir-restrizzjoni għandha tapplika biss f'dan il-kuntest. Jekk ikun hemm ukoll l-hekk imsejħa "tikketta tal-immaġni", mhux se jkun meħtieġ li tiġi ripetuta l-kundizzjoni msemmija hawn fuq. Fl-istess ħin, sabiex tiġi armonizzata l-komunikazzjoni tad-denominazzjoni fuq it-tikketta tal-immaġni, se jkun obbligatorju li d-denominazzjoni Curtefranca tiġi indikata b'ittri b'għoli minimu ta' 3 mm.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7.6 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-punt 9 – Rekwiżiti oħra applikabbli – Rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar – tad-Dokument Uniku.

5. **Regoli għall-produzzjoni tal-inbid, Karatteristiċi tal-konsum, Deskrizzjoni u preżentazzjoni – aġġornamenti regolatorji**

Ir-referenzi regolatorji fl-Artikoli 5, 6, 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġew aġġornati. Dawn huma bidliet formali li ma jikkonċernawx id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Curtefranca

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 – XARBIET, SPIRTI U ĦALL

— 2204 – Inbid ta' għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

—

1. Curtefranca aħmar u Curtefranca aħmar bl-indikazzjoni "vigna"

DESKRIZZJONI QASIRA

Kulur aħmar jgħajjat b'riflessi jleqqu lewn ir-rubini. Fil-verżjoni "vigna", aħmar skur b'riflessi lewn ir-rummien. Riħa: karatteristika ta' frott, xi drabi ta' ħaxix, togħma: b'korporatura medja, xotta, ta' nbid, armonjuża, bellusija. Fil-verżjoni "Vigna" ikollu struttura u kumplessità akbar minħabba l-maturazzjoni fl-injam u fil-flixkun. Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11 % tal-volum (12 % tal-volum jekk bl-indikazzjoni "vigna"); Estratt minimu mingħajr zokkor: 18 g/l (20 g/l jekk bl-indikazzjoni "vigna").

Il-parametri analitiċi l-oħrajn, li ma jidhrux fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonformaw mal-limiti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) —

— Aċidità totali minima 4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) —

2. Curtefranca abjad u Curtefranca abjad bl-indikazzjoni "vigna"

DESKRIZZJONI QASIRA

Kulur isfar lewn it-tiben b'riflessi fl-aħdar, aktar skur fil-verżjoni "Vigna". Riħa: delikata, ta' fjuri, karatteristika. Togħma: xotta u ratba, mimlija togħma, armonjuża. Fil-verżjoni "Vigna" tkun aktar qawwija u kumplessa minħabba l-maturazzjoni fl-injam u fil-flixkun. Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11 % tal-volum (12 % tal-volum jekk bl-indikazzjoni "vigna"); Estratt minimu mingħajr zokkor: 15 g/l (17 g/l jekk bl-indikazzjoni "vigna").

Il-parametri analitiċi l-oħrajn, li ma jidhrux fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonformaw mal-limiti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) —

— Aċidità totali minima 4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) —

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

—

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. Curtefranca aħmar

   68 ettolitru għal kull ettaru

2. Curtefranca aħmar

   10 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

3. Curtefranca aħmar bl-indikazzjoni "vigna"

   54,4 ettolitru għal kull ettaru

4. Curtefranca aħmar bl-indikazzjoni "vigna"

   8 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

5. Curtefranca abjad

   68 ettolitru għal kull ettaru

6. Curtefranca abjad

   10 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

7. Curtefranca abjad bl-indikazzjoni "vigna"

   61,2 ettolitru għal kull ettaru

8. Curtefranca abjad bl-indikazzjoni "vigna"

   9 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona ta' produzzjoni tal-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbejjed Curtefranca tinkludi t-territorji kollha tal-muniċipalitajiet li ġejjin: Paratico, Capriolo, Adro, Erbusco, Corte Franca, Iseo, Ome, Monticelli Brusati, Rodengo Saiano, Paderno Franciacorta, Passirano, Provaglio d'Iseo, Cellatica u Gussago, kif ukoll il-parti tat-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Cologne, Coccaglio, Rovato u Cazzago San Martino li tinsab fit-Tramuntana tat-toroq nazzjonali nru 573 u nru 11 u parti mit-territorju tal-muniċipalità ta' Brescia.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Cabernet franc N. – Cabernet

Cabernet sauvignon N. – Cabernet

Carmenère N. – Cabernet nostrano

Chardonnay B.

Merlot N.

Pinot bianco B. – Pinot

Pinot nero N. – Pinot

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Curtefranca

Curtefranca tinsab qrib il-lag Iseo u għalhekk tgawdi mill-effetti benefiċi tiegħu. Fis-sajf, il-kurrenti li jonfħu tul il-kuritur tal-wied ta' Camonica u tal-lag itaffu s-sħana u fix-xitwa l-lag innifsu jerġa' jarmi s-sħana li tkun akkumulat u għalhekk itaffi t-temperaturi. Mil-lat ta' ħamrija, iż-żona ta' produzzjoni hija eteroġenja, b'sitt żoni distinti. Id-dielja ilha tikber b'mod spontanju minn żmien il-preistorja. Dokumenti mis-sekli 9, 10 u 11, bħall-mapep ta' istituzzjonijiet monastiċi importanti, jixhdu l-kultivazzjoni tad-dwieli mifruxa kważi ma' kullimkien u ffaċilitata mill-kundizzjonijiet tajbin tal-klima u tal-ħamrija.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Imballaġġ, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali

Qafas ġuridiku:

Fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali tat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Fil-preżentazzjoni u d-deskrizzjoni tal-prodott il-kliem "bianco" (abjad) u "rosso" (aħmar) huma fakultattivi; jekk jinkitbu fil-kamp viżiv fejn jidhru

l-indikazzjonijiet obbligatorji kollha, għandhom jinkitbu eżatt taħt id-denominazzjoni "Curtefranca" u l-ispeċifikazzjoni "denominazione di origine controllata" u dejjem għandhom jinkitbu b'ittri f'tipa ta' għoli u daqs mhux akbar minn żewġ terzi ta' dawk użati għad-denominazzjoni.

Jekk ikun hemm tikketta tal-immaġni, huwa obbligatorju li f'din it-tikketta l-isem tad-denominazzjoni Curtefranca jiġi indikat b'ittri ta' għoli minimu ta' 3 millimetri u fuq l-istess tikketta tista' tidher kwalunkwe kelma oħra mingħajr ebda restrizzjoni ta' daqs meta mqabbla mal-isem Curtefranca.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/21586